# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 327.178

## REGOLAMENTI DWAR GĦOTJIET TA' MANTENIMENT GĦAL STUDENTI

1 ta' Ottubru, 2005

*L-AVVIŻ LEGALI 372 ta' l-2005, kif emendat bl-Avviż Legali 424 ta' l-2007.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Għotjiet ta' Manteniment għal Studenti. Titolu.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra - Tifsir.

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' Tmexxija dwar l-Għotjiet ta' Manteniment għal Studenti, imwaqqaf skond ir-regolament 17;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni;

"għotja ta' manteniment" tfisser il-benefiċċji finanzjarji mħallsa lil studenti *full-time* post-sekondarji, vokazzjonali u terzjarji skond ma hemm indikat fl-Iskeda.

**3.** (1) Salv kif provdut hawn aktar 'il quddiem, dawn ir-regolamenti għandhom ikunu japplikaw għal-- Applikabilità.

(i) studenti *full-time* li jibdew xi kors post-sekondarju kif indikat fil-Parti I ta' l-Iskeda;

(ii) studenti *full-time* li jkunu qegħdin isegwu xi kors *undergraduate* fl-Università ta' Malta kif indikat fil-Parti II ta' l-Iskeda;

(iii) studenti *full-time* li jkunu qegħdin isegwu xi wieħed mill-korsijiet għal grad *post-graduate* fl-Università ta' Malta kif jista' jiġi indikat fil-Parti II ta' l-Iskeda.

(2) Dawk l-istudenti *full-time* bħalma huma msemmija fis-subregolament (1) u li jkomplu l-kors ta' studju tagħhom jew parti minnu barra l-pajjiż taħt skemi approvati mill-Ministru, ikomplu jkunu intitolati għal għotja ta' manteniment għal studenti kif provdut hawn aktar 'il quddiem.

### Parti I - Eliġibilità ta' Studenti Post-Sekondarji u Vokazzjonali għal Għotja ta' Manteniment

**4.** Għandha titħallas għotja ta' manteniment għal studenti *full-time* li jkunu irreġistraw u ġew aċċettati bħala studenti regolari biex isegwu kors ta' studju ta' matul il-jum f'istituzzjoni ta' edukazzjoni u taħriġ post-sekondarja jew vokazzjonali kif indikat fil-Parti I ta' l-Iskeda, u li - Studenti post-sekondarji u vokazzjonali.

(i) ikunu ċittadini ta' Malta, jew studenti li għallinqas ikollhom ġenitur wieħed li jkollu ċittadinanza Maltija; u

(ii) kienu residenti Malta għal perijodu ta' mhux anqas minn ħames snin mill-bidu tal-kors ta'

studju relattiv; u

(iii) ikunu temmew iż-żmien tagħhom ta' edukazzjoni obbligatorja; u

(iv) ma jkollhomx iżjed minn tletin sena meta jibda l-kors;

(v) ikunu qegħdin jattendu għall-kors regolarment filwaqt li jagħmlu progress sodisfaċenti:

Iżda dawk l-istudenti li jkunu qed isegwu kors bħal dan tul il-jum fil-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija, li jkunu għalqu tletin sena meta jibda l-kors, u li jkunu ssodisfaw il-kondizzjonijiet l-oħra ta' hawn aktar qabel jistgħu, f'każijiet eċċezzjonali, jikkwalifikaw għal għotja ta' manteniment meta dawk l-istudenti jkunu s-sors prinċipali ta' għixien fil-familja tagħhom u l-Bord iqis li jkun jistħoqqilhom dik l-għotja ta' manteniment.

Rati ta' l-għotja ta' manteniment għal studenti post-sekondarji u vokazzjonali.

(2) Studenti li jikkwalifikaw għal għotja ta' manteniment taħt dan ir-regolament jiġu mħallsa l-għotja ta' manteniment kif stipulat fil-Parti I ta' l-Iskeda.

Għotja ta' manteniment supplimentari.

**5.** Studenti li jikkwalifikaw għal għotja ta' manteniment taħt ir-regolament 4 u li, minħabba f'xi tbatija li dwarha jinġiebu l-provi, jitqiesu mill-Bord li jikkwalifikaw għal għotja ta' manteniment supplimentari, għandhom jirċievu l-għotja ta' manteniment supplimentari stipulata u mħallsa f'rati ta' kull erba' ġimgħat kull waħda kif indikat fil-Parti I ta' l-Iskeda.

Parti II - Eliġibilità ta' Studenti ta' l-Università ta' Malta li jieħdu Għotja ta' Manteniment

Studenti ta' l-Università ta' Malta,

**6.** (1) Għandha titħallas għotja ta' manteniment għal studenti *full-time* li jkunu reġistrati u ġew aċċettati bħala studenti regolari mill-Università ta' Malta għal kors ta' matul il-jum f'kors ta' studju kif indikat fil-Parti II ta' l-Iskeda, u li -

(i) ikunu ċittadini ta' Malta, jew studenti li jkollhom mill-inqas ġenitur wieħed li jkun ċittadin ta' Malta; u

(ii) kienu residenti Malta għal perjodu ta' mhux anqas minn ħames snin mill-bidu tal-kors ta' studju relattiv; u

(iii) ikunu temmew iż-żmien li kellhom jagħmlu ta' edukazzjoni obbligatorja; u

(iv) ma jkunux għalqu tletin sena meta jibda l-kors; u

(v) ikunu qegħdin jattendu għall-kors regolarment u jkunu qegħdin jagħmlu progress sodisfaċenti:

Iżda dawk l-istudenti li jkunu għalqu tletin sena meta jibda l-kors u li jkunu ssodisfaw il-kondizzjonijiet l-oħra ta' hawn aktar qabel jistgħu, f'każijiet eċċezzjonali, jikkwalifikaw għal għotja ta' manteniment meta dawk l-istudenti jkunu s-sors prinċipali ta' għixien fil-familja tagħhom u l-Bord iqis li jkun jistħoqqilhom dik l-għotja ta' manteniment.

Rati ta' l-għotja ta' manteniment għal studenti fl-Università

(2) Studenti li jikkwalifikaw għal għotja ta' manteniment taħt dan ir-regolament, jiġu mħallsa l-għotja ta' manteniment kif stipulat fil-Parti II ta' l-Iskeda.

Għotja supplimentari.

**7.** Studenti li jikkwalifikaw għal għotja ta' manteniment taħt ir-regolament 6 u li, minħabba f'xi tbatija li dwarha jinġiebu l-provi, jitqiesu mill-Bord li jikkwalifikaw għal għotja ta' manteniment supplimentari, għandhom jirċievu l-għotja ta' manteniment supplimentari stipulata u mħallsa f'rati ta' kull erba' ġimgħat kull waħda kif indikat fil-Parti II ta' l-Iskeda.

Għotja speċjali.

**8.** Il-Ministru jista', bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jistipula fil-Parti II ta' l-Iskeda, dawk il-korsijiet fl-Università ta' Malta li għalihom tista' titħallas għotja ta' manteniment speċjali kif indikat fl-istess Skeda.

Studenti *post-graduate*.

**9.** Il-Ministru jista', bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, jistipula fl-Iskeda liema jkunu dawk il-korsijiet *post-graduate* f'istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla li tista' tingħata għotja ta' manteniment għal student, mill-Bord, taħt l-istess pattijiet bħal ma hemm provdut f'dawn ir-regolamenti u fl-Iskeda li tinsab magħhom.

Parti III - Disposizzjonijiet Ġenerali dwar l-Eliġibilità għal Għotja ta' Manteniment

Telf ta' dritt għal għotja.

**10.** (1) Studenti li jkunu meħtieġa jirrepetu xi sena mill-kors ta' l-istudju li jkunu qegħdin jagħmlu, ma jkollhom ebda dritt għal għotja ta' manteniment matul dik is-sena li jkunu qegħdin jirrepetu.

(2) Studenti li l-progress tagħhom, kif valutat skond proċeduri ta' valutazzjoni perjodiċi, jitqies li ma jkunx wieħed sodisfaċenti, jew li ma ma jkunux qegħdin jattendu għall-kors tagħhom b'mod regolari, jitilfu d-dritt li jirċievu l-għotja ta' manteniment jew xi parti minnha sa dak iż-żmien meta l-Kap ta' l-istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla, Istitut, jew Fakultà ta' l-Università in kwistjoni jiċċertifika li dawk l-istudenti jkunu reġgħu qegħdin jagħmlu progress sodisfaċenti jew li jkunu reġgħu bdew jattendu regolarment.

Perjodu ta' ħlas.

**11.** (1) Il-parti fissa ta' kull erba' ġimgħat ta' l-għotja ta' manteniment titħallas tul is-sena akkademika, inklużi l-vaganzi tal-Milied u ta' l-Għid, iżda esklużi l-vaganzi tas-Sajf.

(2) Meta l-istruttura ta' xi kors partikolari hekk teħtieġ, il-Ministru jista' japprova l-ħlas ta' għotja ta' manteniment matul il-vaganzi tas-Sajf.

Disposizzjoni ġenerali dwar korsijiet fl-istess livell.

**12.** Studenti li jkunu qed isegwu t-tieni kors jew kors sussegwenti wara li jkunu lestew jew parzjalment segwew xi kors ieħor ta' l-istess livell ma jkunux intitolati li jirċievu għotja ta' manteniment għal dak il-perjodu ta' żmien li jkun ekwivalenti għaż-żmien kollu tal-kors ta' qabel, jekk għall-kors ta' qabel kienu qed jirċievu għotja ta' manteniment. Dawk l-istudenti jkunu intitolati biss għal għotja ta' manteniment għall-perjodu li jifdal wara t-tmiem ta' l-ewwel perjodu mingħajr l-għotja ta'

manteniment:

Iżda meta kors ikun ikompli minn diploma għal livell ta' grad ġenerali, jew minn grad ġenerali għal livell ta' grad bl-unuri, jew minn grad għal dottorat fil-Liġi jew fil-Mediċina u Kirurġija, dan ma jkunx jitqies bħala t-tieni kors jew kors sussegwenti għall-finijiet ta' dan ir-regolament.

Għotja ta' manteniment f'ċirkostanzi speċjali.

**13.** (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-Ministru jista', f'ċirkostanzi speċjali u wara konsultazzjoni mal-Bord, jordna l-ħruġ ta' għotja ta' manteniment skond l-Iskeda lil studenti li ma jkunux eliġibbli għall-għotja taħt dawn ir-regolamenti iżda li jkunu qegħdin isegwu xi wieħed mill-korsijiet indikati fl-Iskeda.

(2) Meta jkun qiegħed iqis l-eliġibilità u l-merti ta' applikazzjoni għal għotja supplimentari, il-Bord għandu jagħti kull konsiderazzjoni dovuta għall-għadd ta' studenti ġejjin mill-istess familja li jkunu qegħdin jattendu għal xi wieħed mill-korsijiet li dwaru tingħata għotja ta' manteniment għal student taħt dawn ir-regolamenti, u għandu għal dak l-għan jimmodifika l-*means test* relattiv.

(3) Il-Bord għandu wkoll jamministra fond ta' kontinġenza li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jagħmel disponibbli sabiex ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet għall-assistenza minn studenti li jkunu għaddejin minn ċirkostanzi straordinarji.

Studenti fuq *leave* bi ħlas jew b'kuntratt ma' min iħaddem.

**14.** Studenti li jkunu qegħdin isegwu xi wieħed mill-korsijiet indikati fl-Iskeda, filwaqt li jkunu qegħdin fuq *leave* mħallas minn min iħaddimhom għal skop ta' kors ta' studju, jew li jaċċettaw offerta li jidħlu f'kuntratt ma' min iħaddem fejn jorbtu lilhom infushom li jaħdmu ma' dik il-persuna li tħaddimhom wara li jkunu temmew il-kors tagħhom, u li għaldaqshekk ikunu jibbenefikaw mill-paga jew mir-remunerazzjoni miftehma, ikunu intitolati għal dik il-paga jew remunerazzjoni minflok l-għotja ta' manteniment kif provdut fl-Iskeda.

Studenti f'korsijiet li jwasslu għal ċertifikat jew diploma.

**15.** Studenti li jsegwu korsijiet li jwasslu għal ċertifikat jew diploma jkunu eliġibbli għal dik il-parti ta' l-għotja ta' manteniment li tingħata bħala għotja fix-xahar u fis-sena kif hemm provdut fil-Parti II ta' l-Iskeda.

Disposizzjonijiet transitorji.

A.L. 165 ta' l-1999.

**16.** (1) Studenti li bdew kors ta' studju jew taħriġ f'istituzzjoni ta' edukazzjoni post-sekondarja jew vokazzjonali jew fl-Università ta' Malta qabel l-1 ta' Ottubru, 2005, jibqgħu jkunu eliġibbli għall-għotja ta' manteniment kif stipulata fir-Regolamenti ta' l-1999 dwar Għotjiet ta' Manteniment għal Studenti Post-Sekondarji u Terzjarji.

(2) Dawk l-istudenti l-oħra kollha li jkunu bdew kors ta' studju jew taħriġ f'istituzzjoni ta' edukazzjoni post-sekondarja jew vokazzjonali jew fl-Università ta' Malta fl-1 ta' Ottubru, 2005, jew wara dik id-data, jkunu eliġibbli għal għotja ta' manteniment skond l-Iskeda.

## Parti IV - Bord ta' Tmexxija dwar Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti

**17.** Ikun hemm Bord ta' Tmexxija dwar Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti biex jamministra l-allokazzjoni ta' għotjiet ta' manteniment u biex jagħti pariri lill-Ministru dwar affarijiet ta' *policy* li għandhom x'jaqsmu ma' dawn l-għotjiet. Twaqqif tal-Bord.

**18.** (1) Il-Bord ikun maħtur mill-Ministru u jkun magħmul minn: Kompożizzjoni tal-Bord.

(*a*) President;

(*b*) membru li jirrappreżenta lid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni;

(*ċ*) membru nominat mill-Ministru responsabbli għall-finanzi;

(*d*) membru nominat mill-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ;

(*e*) membru nominat mir-Rettur ta' l-Università ta' Malta;

(*f*) membru nominat mill-Principal tal-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija;

(*g*) membru nominat mill-Kunsill Studenti Universitarji (KSU);

(*h*) membru magħżul minn fost il-membri tal-Kunsilli ta' l-Istudenti post-sekondarji.

(2) Il-Ministru għandu jaħtar ukoll persuna biex toqgħod bħala Segretarju tal-Bord.

**19.** Il-Bord għandu, bl-approvazzjoni tal-Ministru, jiżgura l-persunal amministrattiv li jkunu jistgħu jgħinuh iwettaq id-dmirijiet tiegħu b'mod effettiv u effiċjenti. Impjegati tal-Bord.

**20.** Il-funzjonijet tal-Bord ikunu li: Funzjonijiet tal-Bord.

(i) jimmaniġġa u jissorvelja l-allokazzjoni effettiva u l-ħlas ta' l-għotjiet ta' manteniment għall-studenti;

(ii) jifformula u regolarment jirrevedi il-proċeduri għar-rigward ta' għemil ta' stima, allokament, ħlas u kull jedd għal għotjiet ta' manteniment;

(iii) jistabbilixxi l-kriterji u jistima, jiddeċiedi dwar, u jirrevedi applikazzjonijiet għal għotja ta' manteniment supplimentari, skond kif stipulati fl-Iskeda, li jkunu saru minn studenti f'każijiet ta' tbatija finanzjarja speċjali;

(iv) jikkonsidra rapporti li jirċievi mingħand l-awtoritajiet edukattivi kompetenti rigward il-progress akkademiku ta' l-istudenti u japplika sanzjoniijet meta l-ħtiġiet minimi ma jkunux qed jintlaħqu;

(v) jagħti b'subappalt servizzi minn entijiet oħra meta dan ikun aktar effettiv fin-nefqa u effiċjenti għal amministrazzjoni u ħlas aħjar ta' l-għotjiet

ta' manteniment ta' l-istudenti;

(vi) jissorvelja postijiet mnejn isir bejgħ bl-imnut fejn jiġu aċċettati *cards* ta' l-istudenti bil-għan li jitrażżnu u jiġu eliminati l-abbużi;

(vii) jippjana u jimplementa b'mod effettiv fin-nefqa kull skema ta' esperjenza ta' xogħol għal studenti li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien, jiddeċiedi li jipprovdi;

(viii) jirrakkomanda tibdil fil-*policy* nazzjonali dwar l-appoġġ finanzjarju fl-edukazzjoni post-sekondarja, vokazzjonali u terzjarja.

SKEDA

*Sostitwita:*
*A.L. 424 ta' l-2007.*

Għotjiet ta' Manteniment għal Studenti

Parti I - Studenti f'Korsijiet ta' Taħriġ Edukattiv Post-Sekondarji u Vokazzjonali

Studenti li taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti jkunu temmew żmien ta' edukazzjoni obbligatorja u jkunu qegħdin isegwu kors ta' matul il-ġurnata *full-time* f'istituzzjoni ta' Edukazzjon u Taħriġ approvata Post-Sekondarja jew Vokazzjonali f'Malta, minbarra Kors ta' Reviżjoni SEC/'O' Level, jikkwalifikaw għal din l-għotja ta' manteniment għaż-żmien kollu li matulu jdum il-kors ta' studju li jkunu qegħdin jagħmlu:

1. Rata fissa ta' €83.86 kull erba' ġimgħat li titħallas bejn l-1 ta' Ottubru u t-30 ta' Ġunju.
2. Iżda fil-każ ta' studenti li jkunu qegħdin jattendu korsijiet fil-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija, għandha titħallas rata fissa ta' €83.86 kull erba' ġimgħat bejn il-15 ta' Settembru u l-31 ta' Lulju.
3. €232.94 li jkunu disponibbli ta' kull sena biex ikopru f'parti l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' materjal u tagħmir edukattiv.
4. Għandha titħallas Għotja ta' Manteniment Supplimentari addizzjonali ta' €41.93 kull erba' ġimgħat skond ir-regolament 5.

Għall-finijiet ta' din il-Parti ta' l-Iskeda l-istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni u Taħrig Post-Sekondarja jew Vokazzjonali approvati huma dawn li ġejjin:

Kulleġġ De La Salle (Sixth Form)

Skola Sekondarja Ogħla Giovanni Curmi (Matsec Course)

Junior College, Università ta' Malta

Kulleġġ San Alwiġi (Sixth Form)

Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija

Mikiel Anġ Refalo, Upper Lyceum, Gozo

Parti II - Studenti f'Korsijiet fl-Università ta' Malta

(A) Korsijiet ta' Grad Ġenerali

Studenti li, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti, jkunu qegħdin isegwu kors ta' matul il-ġurnata *full-time* ta' *undergraduate*, grad, kors LL.D. jew M.D. fl-Università ta' Malta, inkluż fl-Istitut għall-Istudji tal-Konservazzjoni u r-Restawr, jikkwalifikaw għal din l-għotja ta' manteniment għaż-żmien kollu li matulu jdum il-kors ta' studju li jkunu qegħdin jagħmlu:

1. Ħlief għal studenti li jkunu qegħdin isegwu korsijiet stipulati li jinsabu elenkati hawn iktar 'l isfel, rata fissa ta' €83.86 ta' kull erba' ġimgħat li titħallas bejn l-1 ta' Ottubru u t-30 ta' Ġunju.
2. Somma ta' €465.87 għal kull sena akkademika biex ikopru f'parti l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' materjal u tagħmir edukattiv.
3. Għotja għal darba waħda biss ta' €465.87.

(B) Korsijiet li jwasslu għal Ċertifikat u Diploma

Studenti li, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti, jkunu qegħdin isegwu kors ta' matul il-ġurnata *full-time* li jwassal għal ċertifikat jew diploma fl-Università ta' Malta, jikkwalifikaw għal din l-għotja ta' manteniment li ġejja għal kemm idum il-kors ta' studju li jkunu qegħdin jagħmlu:

1. Rata fissa ta' €83.86 ta' kull erba' ġimgħat bejn l-1 ta' Ottubru u t-30 ta' Ġunju.
2. Somma ta' €465.87 għal kull sena akkademika biex ikopru f'parti l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' materjal u tagħmir edukattiv.

(Ċ) Korsijiet għal Grad Stipulati

Studenti li, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti, jkunu qegħdin isegwu kors *full-time* ta' matul il-ġurnata *undergraduate* li jwassal għal grad fl-Università ta' Malta kif stipulat, jikkwalifikaw għal din l-għotja ta' manteniment li ġejja għal kemm idum il-kors ta' studju li jkunu qegħdin jagħmlu:

1. Rata fissa ta' €146.75 ta' kull erba' ġimgħat li titħallas bejn l-1 ta' Ottubru u t-30 ta' Ġunju.
2. Somma ta' €698.81 għal kull sena akkademika biex ikopru f'parti l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' materjal u tagħmir edukattiv.
3. Għotja għal darba waħda biss ta' €698.81.

Il-korsijiet stipulati huma:

*a.* Bachelor of Science (Hons) - Biology

*b.* Bachelor of Science (Hons) - Chemistry

*ċ.* Bachelor of Science (Hons) - Mathematics

*d.* Bachelor of Science (Hons) - Physics

*e.* Bachelor of Science (Hons) - Statistics & Operations Research

*f.* Bachelor of Science (Hons) - Computer Science

*g.* Bachelor of Science (Hons) - Informatics

*h.* Bachelor of Science - Engineering

*i.* Bachelor of Science - Information Technlogy

*j.* Bachelor of Science - Business and Computing

*k.* Bachelor of Education/PGCE - Biology

*l.* Bachelor of Education/PGCE - Chemistry

*m.* Bachelor of Education/PGCE - Mathematics

*n.* Bachelor of Education/PGCE - Physics

*o.* Bachelor of Education/PGCE - Computer Studies

(D) Għotja ta' Manteniment Supplimentari

Studenti universitarji, li jkunu intitolati għal Għotja ta' Manteniment Supplimentari, skond ir-regolament 7, għandhom jitħallsu dan li ġej:

*a*) Studenti li jkunu qegħdin jattendu għal korsijiet li jwasslu għal grad, diploma u ċertifikat ġenerali:

1. €251.57 ta' kull erba' ġimgħat.
2. €116.47 fis-sena.
3. Għotja ta' darba waħda biss ta' €116.47.

*b*) Studenti li jkunu qegħdin jattendu korsijiet stipulati:

1. €251.57 ta' kull erba' ġimgħat.

*ċ*) Studenti li jkunu qegħdin jattendu korsijiet li jwasslu għal *Bachelor of Dental Sugery*, *Doctor of Medicine & Surgery*, u *Bachelor of Engineering &*

*Architecture*:

1. €251.57 ta’ kull erba’ ġimgħat.
2. €116.47 fis-sena.
3. Għotja ta’ darba waħda biss ta’ €116.47.